# Il-Pedestall f'għeluq il-50 Sena Tiegħu

**Kenneth Cassar**
B.A. (Hons) History of Art

*Wara fl-aħħar ħarġa ta' din il-publikazzjoni ġie ppubblikat ritratt storiku li juri l-pedestall tal-vara titulari ta' San Leonardu fil-bottega tal-iskultur Flavio Pancheri, ħsibna li jkun jixraq li f'għeluq il-ħamsin anniversarju ta' din il-kummisjoni nagħtu ġieħ lill-individwi involuti f'din l-opra. Kenneth Cassar irnexxilu jagħmel kuntatt ma' iben Pancheri sabiex bagħtilna tagħrif interessanti.*

Sena ilu f'din l-istess pubblikazzjoni sar eloġju mistħoqq lil wieħed fost l-aktar kappillani ħabrieka u maħbuba tal-Parroċċa Matriċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop.[1] Qiegħed nirreferi għall-Kappillan Franġisk Xuereb li f'għaxar snin f'Ħal Kirkop bejn l-1927 u l-1937 ħalla timbru permanenti fuq il-knisja u l-qlub Koppin.[2] Fost l-opri li jibqa' magħruf għalihom insibu l-gandlieri għall-altar maġġur għall-festa titulari ta' San Leonardu, ix-xiri tal-orgni l-antik mill-Knisja Franġiskana tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema,[3] l-ornamentar tal-bieb tal-knisja bl-emblemi tal-Parroċċa, il-pavimentar tal-Knisja bl-irħam u l-akkwist ta' art għall-bini taċ-ċimiterju mingħand il-Gvern. Meta fl-1937 ġie mgħajjat biex iservi bħala Kappillan fil-Parroċċa ta' Kristu Re, fejn ukoll baqa' magħruf għal diversi opri, wiegħed lill-Koppin pedestall ġdid għall-vara proċessjonali ta' San Leonardu. Dan wasal biss fl-1964 bit-tħabrik ta' kappillan ieħor maħbub, Dun Ġużepp Theuma (1960-1966) li min żmien għal żmien kien ifakkar lil Dun Franġisk bil-wegħda li kien għamel. Ta' benefattur ġeneruż li kien, u b'Ħal Kirkop f'qalbu, Dun Franġisk li sa dak iż-żmien kien maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral żamm kelmtu sabiex illum, ħamsin sena wara għadna ngawdu din l-opra mill-isbaħ. Ta' min japprezza li bejn 1963 u l-1964 Monsinjur Xuereb kien jinsab fl-eqqel tat-twettiq ta' ħolma minn tiegħu, jiġifieri l-bini tal-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid li tagħha kien l-ewwel u l-unika rettur u li propju tbierket u ġiet inawgurata fl-1964.[4]




***Dun Franġisk Xuereb maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral fl-1962, sentejn biss qabel ikkummissjona l-pedestall (ritratt Can. Mario Agius)***

## Storja ta' Pedestalli u Statwi Titulari

Ilkoll familjari ma' żewġ statwi proċessjonali ta' San Leonardu. Dik tal-kartapesta li saret fl-1877 minn Carlo Darmanin (u li illum tinsab fis-sagristija) u dik meqjuma b'tant devozzjoni illum, li saret fl-1949 mid-ditta Ferdinando Stuflesser Scultore Ortisei Bolzano. Meta niġu għall-pedestalli, familjari ma' tlieta: dak preżenti, dak ta' qablu – li llum jintuża għall-vari proċessjonali tal-Madonna tar-Rużarju u d-Duluri, u ieħor jerġa' eqdem minnhom li jinsab fil-maħżen tal-knisja. Dan narawh f'ritratti antiki tal-istatwa ta' Darmanin flimkien mal-erba' puttini (bilqiegħda fuq il-mesnoli) li llum jintramaw mal-Pedestall il-Kbir ta' San Leonardu Rebbieħ fuq l-Ereżija f'Misraħ Kirkop. Biss l-arkivji parrokjali huma xhieda ta' aktar minn hekk. Għalkemm għad irid isir aktar studju mirqum, jidher li kien hemm minn tal-anqas statwa proċessjonali oħra qabel dik ta' Darmanin u żewġ pedestalli oħra qabel dawn li semmejna.



***L-istatwa ta' San Leonardu ta' Carlo Darmanin (1877), bil-pedestall l-antik li jġib il-puttini tal-istess skultur***

Ir-reġistru tal-*Venerande Lampade* jirreġistraw spiża fid-29 t'Ottubru tal-1825, ta' 96 skud, 3 tarì u 15-il gran għal pedestall ġdid għall-istatwa ta' San Anard, li ssostitwixxa ieħor eqdem.[5] Dan inħadem fuq disinn tal-iskultur



***L-istatwa ta' Darmanin fuq il-pedestall li llum jintuża għall-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju u tad-Duluri***



***L-istatwa ta' San Leonardu maħduma mid-ditta Ferdinando Stufleisser (1949) fuq l-istess pedestall***

prominenti tas-seklu dsatax Sigismondo Dimech, xogħol fl-injam minn Eduardo Muscat u nduratura u pittura ta' Francesco Zerafa. Nsibu wkoll li l-Parroċċa ħallset il-kaless għal żewġ żjarat li Sigismondo Dimech għamel f' Ħal Kirkop biex jaħdem b'idejh stess il-mensoli ta' dan il-pedestall. Fost xogħlijiet oħra Dimech jibqa' l-aktar rinomat għal-istatwi tal-ġebel tiegħu tal-Madonna tal-Karmnu (1826) mal-Knisja tal-Karmelitani l-Imdina, l-istatwa ta' Marija Assunta f'Ħal Balzan (1838), u dawk ta' San Gabriel u l-Madonna fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali tal-istess lokal.[6] Fost diversi opri oħra, fl-1845 ħadem, flimkien ma' ibnu Salvatore, l-istatwa ta' San Pawl li f'36 pied fuq pedestall eleganti tiddomina l-Gżejjer ta' San Pawl.[7]

Ser ninkludi *transcript* tan-nota tal-ħlas ta' dan il-pedestall għar-referenza ta' kulħadd:

[f.272] *Adi suddetto [29 Ottobre 1825] si fece esito di scudi maltesi novantasei, tarì tre e grane quindici per il piedestallo fatto nuovo della statua di S. Leonardo: cioè meglio =*

*Scudi cinquanta cinque e tarì* sei per spesa di legname, ferri e manifattura di tutta l'opera come dalla ricevuta di Mro. *Eduardo Muscat del di 10 Settembre 1825*

*Scudi quindici per disegno e per scultura di quattro mensole come dalla ricevuta dello scultore Mro Sigismondo Dimech del di 28 Corre.*

*Scudi venti tre, tarì e grane cinque per spesa di colori, pannella, e manifattura de maestri Indoratore e Pittore come dalla ricevuta di Mo. Francesco Zerafa del d'oggi 29 Corre.*

*Scudi due, tarì otto e grane dieci per doppio Calesse pagato al Maestro Scultore sudetto per doppia sua venuta*

*96 . 3 . 15*

**Il-Pedestall tal-1964**

Intant lura għall-pedestall preżenti f'għeluq il-ħamsin anniversarju tiegħu. Minkejja r-riċerka li saret fl-arkivji tal-Curia, sa issa ma jidhirx li hemm ħjiel ta' din il-kummisjoni.[8] Wisq aktar konna fortunati fl-arkivji tal-parroċċa, għalkemm nistqarr li probabli trid issir riċerka aktar dettaljata. Il-probabilità hi li ma jeżistux dokumenti, la rikors u wisq aktar dokumentazzjoni ta' pagamenti peress li din kienet kummissjoni privata min-naħa ta' Monsinjur Xuereb li ħallas minn butu propju għaliex xtaq jagħti rigal lill-Parroċċa li laqgħatu bħala Kappillan. Biss f'dan l-istadju ikun għaqli li ma neskludu xejn u ngħidu li hemm bżonn ta' aktar riċerka. Bħalma diġà ġie stabilit, dan il-pedestall ġie skoplit mill-iskultur Flavio Pancheri (1931-1996) minn Ortisei f'Bolzano fuq disinn ta' Giuseppe Galea (1911-1993). L-intenzjoni tagħna hi li noħolqu kuntest għal din il-kummissjoni, speċjalment wara li rnexxilna nistabilixxu kuntatt ma' bin Flavio, Walter Pancheri (1962- ) li wiret is-sengħa mingħand missieru u għadu sal-lum attiv fl-iskultura ġewwa Ortisei.[9]

**Giuseppe Galea**

Bla dubju li Giuseppe Galea jibqa' wieħed mid-disinjaturi u dekoraturi ewlenin tas-seklu għoxrin.[10] Ħadem għal snin twal f'bosta djar fil-privat, biss jibqa' l-aktar sinonimu max-xogħol dekorattiv, fil-knejjes u l-għamajjar tagħhom fil-ġibs, fidda u l-injam.



*Giuseppe Galea*
*(1911-1993)*

Bin Paolo u Paola Galea, Giuseppe Galea twieled fl-1 ta' Lulju 1911 ġewwa r-Rabat fiż-żmien meta kemm ir-Rabat u l-Imdina kienu miżgħuda bi mħażen ta' skulturi u nies ta' snajja. Beda jitħarreġ ma' missieru, dekoratur ta' reputazzjoni, sakemm ta' għaxar snin beda jiffrekwenta l-maħżen tad-disinjatur u skultur Benjamin Tonna (1879-1959) ġewwa l-Imdina.[11] Filgħaxijiet kien jattendi l-iskola tal-Gvern tar-Rabat għal-lezzjonijiet ta' tpinġija taħt Carmelo Tonna (1901-1973), kif ukoll klassijiet tal-mudellatura (organizzati fir-Rabat mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ) mal-iskultur Ġanni Bonnici tal-Belt.[12] Iddistingwa ruħu f'din il-klassi tant li rebaħ perijodu t'apprentistat mad-dekoratur Taljan Prof Vincenzo Cardillo li dak iż-żmien kien qiegħed Malta jiddekora t-teatru tal-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara. Fl-1925 kompla bil-formazzjoni artistika tiegħu ġewwa l-*Malta Government School of Art* fejn studja il-mudellatura ma' Antonio Micallef (1883-1957) u d-disinn ma' Edward Caruana Dingli (1876-1950).

Żvolta fil-karriera tiegħu seħħet fl-1933 meta Galea rebaħ borsa ta' studju fl-iskultura għal erba' snin ġewwa l-*Accademia di belle Arti* f'Ruma. Hawn Galea studja taħt bosta artisti fosthom Antonio Calcagnadoro għad-disinn, Guido Calori u Angelo Zanelli għall-iskultura, Ardini għat-teknika u Dacchiardi għall-istorja tal-arti.[13] Bħal bosta artisti Maltin f'Ruma, Giuseppe Galea kien jattendi wkoll għal taħriġ ta' tpinġija minn mudelli ġewwa l-*Bristish Academy* li dak iż-żmien kienet immexxija minn ħadd ħlief Antonio Sciortino (1879 -1974). Konvint mill-progress ta' Galea l-Gvern estendielu l-borsa ta' studju b'sena biex fil-ħames sena tħarreġ fit-teknika tad-dekorazzjoni ma' Ferruccio Ferazzi. Din kienet sena fundamentali għalih għaliex offrietlu bażi teknika soda f'diversi *media* u proċessi bħal *casting* u *moulding*. Kull min ħadem jew tħarreġ ma' Galea fil-karriera tiegħu jirrimarkaw li hu kien mustaċċun fl-aspett tekniku.[14]

Lura Malta kompla jgħin lil missieru fix-xogħol dekorattiv tal-kappellun tad-Duluri fil-Knisja tad-Dumnikani fil-Belt, u fil-koppla tal-knisja tal-Lunzjata ġewwa l-Birgu qabel ma' din waqgħet fil-Gwerra. Ħadem b'mod estensiv sal-aħħar ta' ħajtu u fost l-aħjar xogħlijiet tiegħu nsibu d-dekorazzjoni fil-pasta tal-koppla u l-volti tal-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex, id-dekorazzjoni tal-*Casino Maltese* tal-Belt, il-kor tal-knisja tal-Agostinjani u dik tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat, il-pedestall tal-istatwa proċessjonali tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż Żabbar flimkien mal-kor u l-ventaltar tal-maġġur tal-istess Santwarju. Ħadem ukoll xogħol dekorattiv għal knejjes fil-Kanada.[15]Galea miet fl-24 t'Ottubru 1993 fl-età ta' tnejn u tmenin sena.[16]

F'Ħal Kirkop Giuseppe Galea iddisinja il-bandalora tal-Għaqda Mużikali San Leonardu li rrakmaw is-sorijiet tal-Istitut ta' Ġesù Nażżarenu fiż-Żejtun (1949),[17] iddisinja u ħadem fil-ġibs il-kor u l-prospettiva tal-Knisja Parrokkjali bil-bassi riljievi li jirrappreżentaw lil San Leonardu fil-mirakli ta' ilma u dak tal-ħlas tar-Reġina Misigarda (1959);[18] u kif aċċennajna, iddisinja l-pedestall tal-istatwa proċessjonali ta' San Leonardu (1964). F'dawn ix-xogħlijiet naraw diversi elementi li jibqgħu konsistenti matul il-karriera tiegħu, fosthom l-idjoma ta' barokka klassika u l-użu ta' skrollijiet, kerubini, arzellar, mazzettuni tal-frott u gwarniċar bil-weraq tal-*acanthus*. Ħjiel ta' dan jidher ukoll fid-disinn tal-pedestall, fejn Galea juża essenzjalment il-lingwa barokka klassika, bi gwarniċun prominenti fil-parti ta' fuq, u panewijiet u mensoli sempliċi u eleganti. Dan kollu jservi ta' sfond għal elementi skultorji li jibqgħu l-emfasi prinċipali ta' dan il-pedestall. Qiegħed nirreferi għall-figuri kalmi u devoti tal-Isqof San Remiġ,



***Id-disinn tal-ornamentar tal-kor (1959)***

ir-Re Clodoveo, ir-Reġina Santa Klotilde u r-Reġina Misigarda li bilqiegħda fuq il-mensoli qegħdin jixhdu għall-qdusija ta' San Leonardu. Fil-panewijiet naraw erbgħa skudetti, tnejn iġibu il-ġilju simbolu tas-safa tal-Qaddis Leonardu, oħra ġġib l-arma parrokjali bil-mitra, is-salib u l-baklu, u r-raba' waħda l-arma ta' Monsijur Franġisk Xuereb, il-benefattur ta' din l-opra. Kif diġà aċċennajna, tipikament ta' Galea naraw l-użu tal-iskrollijiet ħerġin bil-iskudetti, l-arzellar taħt il-gwarniċun, il-weraq tal-*acanhtus* fuq il-mesoli u l-kerubin prominenti fil-parti ċentrali fin-naħa ta' isfel.

**Flavio Pancheri**

Għadu mhux magħruf x'wassal lil Monsinjur Franġsik Xuereb biex jagħżel lil Flavio Pancheri sabiex jiskolpixxi l-pedestall fuq d-disinn ta' Giuseppe Galea, biss dan kien żmien fejn bosta parroċċi Maltin kienu qegħdin jikkommisjonaw xogħol fl-injam, b'mod speċjali statwi, lil ditti f'Bolzano l-Italja, ewlenin fosthom id-ditta Ferdinando Stuflesser. Fil-fatt minn informazzjoni li għaddilna ibnu, dan Flavio Pancheri twieled fl-1931 propju ġewwa Ortisei fil-Val Garderna ġewwa Bolzano, żona li għandha tradizzjoni pluri-ċentenarja ta' eċċellenza fl-iskultura tal-injam u li għadha tara numru ta' ditti attivi minn ġenerazzjoni għall-oħra bħal fil-każ tal-familja Pancheri. Flavio wiret l-imħabba u s-sengħa skultorja fl-injam mingħand missieru u mingħand nannuh. Tħarreġ ġewwa l-*Istituto Statale d'Arte* f'Ortisei u bil-*botteghe* ta' skulturi stabiliti bħal Luigi Kostner, Vincenzo Mussner u Enrico Moroder. Din il-formazzjoni artistika wasslitu biex jibni reputazzjoni tajba fil-qasam tal-arti sagra tant li fl-1957 fetaħ il-*bottega* tiegħu. Matul il-karriera tiegħu ħadem b'mod estensiv għall-istituzzjonijiet reliġjużi u parroċċi fl-Italja u madwar diversi pajjiżi Ewropej. Minn idejh ħarġu wkoll diversi opri reliġjużi u profani għal kollezzjonisti privati. Ħarreġ lil diversi żgħażagħ u lil ibnu Walter li ngħaqad ma' missieru fix-xogħol fl-1984 wara li temm l-istudji tiegħu. Flavio pparteċipa f'diversi



***Il-bottega ta' Panchieri ġewwa Bolzano fl-1967 (ritratt Walter Pancheri)***



*In-Natività għal Basta Umbra, maħduma fl-1969 (ritratt Walter Pancheri)*



*Prospettiva bi Kristu Rxoxt maħduma għal San Ninfa, maħduma fl-1986 (ritratt Walter Pancheri)*



*Altar, ambone u anġlu għal Knisja ta' San Vito dei Normanni, maħdumin fl-1987 (ritratt Walter Pancheri)*

wirjiet ġewwa Firenze, Venezia, Milan, Bologna, Ruma, Trento, Saliżburgu, Monaco, Frankfurt, Graz u Pariġi fejn rebaħ bosta premjijiet u rikonoxximenti. Ġew ippubblikati wkoll diversi artikli dwaru ġurnali u rivisti importanti bħal *Corriere della Sera, Il Resto del Carlino, Il Popolo, Domenica del Corriere* u *Arte Sacra* fost oħrajn. Flavio Pancheri miet fl-1996, fl-età ta' ħamsa u sittin sena.

Rigward il-pedestall li Flavio Pancheri skolpixxa fl-1964 għall-istatwa ta' San Leonardu, Walter Pancheri rnexxilu jsibilna erba' ritratti tal-pedestall fuq l-injam ġewwa l-*bottega* qabel ma' ntbgħat Malta. Kopja ta' ritratt minn dawn kien intbgħat lil Monsinjur Xuereb sabiex jkun jista' japprezza x-xogħol, u dan ippubblikajnih fil-ħarġa ta' sena ilu. Mneżża mill-induratura, naraw il-pedestall fid-dettalji skultorji tiegħu. Tidher ukoll il-vina tal-injam li skont Walter Pancheri hu *cirmolo (pinus cembra)* tip ta' *pine*. Tfaċċat ukoll nota miktuba minn Flavio Pancheri stess li permezz tagħha tirreġistra din il-kummisjoni. Din tindika b'mod ċar li l-klijent kien il-*Molto Reverendo Sacerdote Monsignore Don Francesco Xuereb* li min-naħa tiegħu f'ittra datata 14 ta' Jannar 1964 kien ordnalu "*1 basamento scolpito come da disegno in legno cirmo non dorato, 4 figure descrizzione come da lettera 14/1 dimensione "1"=3"* Din jindika b'mod ċar li Pancheri irċieva d-disinn ta' Galea flimkien ma' istruzzjonijiet min-naħa ta' Monsinjur Xuereb dwar l-erba' personaġġi ta' fuq il-mensoli. Din l-aħħar rimarka fil-fatt titfa' dubju żgħir dwar jekk dawn il-figuri kinux fid-disinn oriġinali jew inkella ġewx miżjuda fuq inizjattiva ta' Xuereb. Il-prezz miftiehem għal dan il-pedestall kien ta' 492, 000 *Lire* taljani li minnhom tħallsu 34, 200 bħala kapparra fil-15 ta' Frar 1964, u pagament ieħor ta' 173, 000 *Lire* fl-20 ta' Lulju, biex sa dakinhar kien għad fadal jitħallsu 284, 800 *Lire*. Minn kalkoli ta' malajr jidher li dan il-pedestall sewa madwar 110 Liri Maltin li għal dak iż-żmien kienet spiża sostanzjali. Il-pedestall intbagħat Malta fis-27 ta' Lulju 1964 f'kaxxa immarkata FP.723 b'qisien ta' 150x150x100cm, b'piż ta' 257 kilogrammi. F'Malta l-pedestall wasal Ħal Kirkop u nżamm fil-Knisja Parrokkjali, fejn illum

jintrama l-istandard tal-Fratellanza tar-Rużarju, għal madwar tlett ġimgħat sabiex il-Koppin jammiraw din l-opra u l-ġenerożità tal-ex-Kappillan Franġisk Xuereb u l-ħidma tal-Kappillan Theuma li l-istess Xuereb kien iqisu bħala ibnu.[19] Fi triqtu lejn Raħal Ġdid fejn il-pedestall ġie indurat, il-parruċċani setgħu jammiraw il-ġenerożità ta' Monsinjur Xuereb mal-Parroċċa ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop.

Illum ħamsin sena wara għadna nammirraw din l-opra ta' ġenerożità tal-Kappillan Franġisk Xuereb hekk kif il-pedestall jgħolli għall-ġieħ tad-devot l-ixbieha maħbuba ta' San Leonardu li tterraq minn ġo qalb il-familji Koppin. F'għajnejna ma teżistix statwa mingħajr pedestall u l-bradella mill-isbaħ. Wara dawn, u ħafna aktar opri, hemm stejjer ta' nies li bil-ħidma tagħhom kattru d-devozzjoni lejn Leonardu, Qaddis Patrun tal-Koppin.

**Referenzi**

1 Mario Agius, 'Il-Kappillan Franġisk Xuereb', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa 2013*, Malta, 2013, pp.222-226.

2 Id-dati uffiċjali tiegħu bħala Kappillan huma bejn l-1932 u l-1937, biss jidher li kien ilu jaqdi d-dmirijiet ta' kappillan sa minn sitt snin qabel. Dan għaliex fl-1927 hu intbgħat Ħal Kirkop bid-dritt tas-suċċessjoni wara l-Kappillan Barbara li kien anzjan ħafna u nieqes mid-dawl. M. Agius, 2013, p.224

3 Leonard Agius, 'L-Orgni mixtri fl-1935 għall-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, , in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa 2013*, Malta, 2013, pp.228-233

4 M. Agius, 2014, p. 224

5 Kirkop Parish Archives, *Venerande Lampade dal 1793 a Tutto il 1846*, f.272.

6 Tony Terribile, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, Kullana Kulturali, Vol. 14, Malta, 2000, p.44, 70-71

7 T. Terribile, 2000, p.183

8 Nirringrazzja lil Pierre Balzia li wettaq riċerka fl-arkivji tal-Curia, b'intenzjoni li jikkumplimenta dan l-artiklu b'artiklu ieħor li jitkellem dwar ir-rikors għall-pedestall. Kien biss sfortunat, biss persważ li 'il quddiem itina aktar artikli kif għamel fil-passat.

9 http://www.pancheri.net/italiano/italiano.html , 27-07-2014

10 Dwar Giuseppe Galea ara: Emanuel V. Borg, 'The Art of Giuseppe Galea', in Mid-Med Bank Desk Diary, 1987; Joseph Carbone, 'Tagħrif fuq Tliet Artisti Maltin li b'Xogħolhom Żejnu l-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu Abbati ta' Ħal Kirkop', in *Għaqda Mużikali San Leonardu Ħal Kirkop – Programm Festa 2001,* Malta, 2001, pp.109-117; Mark Sagona, *The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuale Buhagiar and Giuseppe Galea for the Churches of Gozo*, unpublished dissertation, B.A. (Hons) History of Art, University of Malta, 1999; Michael J. Schiavone (ed.), *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II, Malta, 2009, pp.868-869.

11 M. Sagona, 1999, p.89.

12 M. Sagona, 1999, p.89.

13 M. Sagona, 1999, p.90.

14 M. Sagona, 1999, p.90.

15 M.J.Schiavone, 2009, p.869.

16 M. Sagona, 1999, p.91

17 Carmen Duca, 'Il-Bandalora tal-1949 u x-Xogħol tar-rakkmu mis-Sorijiet tal-Istitut ta' Ġesu' Nazzarenu fiż-Żejtun', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa San Leonardu 2013*, Malta, 2013, pp.266-272.

18 Horatio Caesar Roger Vella, '1959-2009: l-Ewwel Ħamsin Sena minn mindu ġie mżejjen il-Kor tal-Knisja Parrokjali Matriċi ta' Ħal Kirkop: Kappillan Dun Pawlu Pace', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu* – Festa San Leonardu 2009, Malta, 2009, pp.114-124.

19 Tifkiriet ta' Leonard Agius.

**Bibljografija**

**Sorsi Primarji**

Kirkop Parish Archives, *Venerande Lampade dal 1793 a Tutto il 1846*
Noti ta' Flavio Pancheri

**Sorsi Pubblikati**

Agius Leonard, 'L-Orgni mixtri fl-1935 għall-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, , in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa 2013*, Malta, 2013

Agius Mario, 'Il-Kappillan Franġisk Xuereb', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa 2013*, Malta, 2013
Borg Emanuel V., 'The Art of Giuseppe Galea', in Mid-Med Bank Desk Diary, 1987
Carbone Joseph, 'Tagħrif fuq Tliet Artisti Maltin li b'Xogħolhom Żejnu l-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu Abbati ta' Ħal Kirkop', in *Għaqda Mużikali San Leonardu Ħal Kirkop – Programm Festa 2001*, Malta, 2001
Duca Carmen, 'Il-Bandalora tal-1949 u x-Xogħol tar-rakkmu mis-Sorijiet tal-Istitut ta' Ġesu' Nazzarenu fiż-Żejtun', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa San Leonardu 2013*, Malta, 2013
Sagona Mark, *The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuale Buhagiar and Giuseppe Galea for the Churches of Gozo*, unpublished dissertation, B.A. (Hons) History of Art, University of Malta, 1999
Schiavone Michael J. (ed.), *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II, Malta, 2009
Terribile Tony, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, Kullana Kulturali, Vol. 14, Malta, 2000
Vella Horatio Caesar Roger, '1959-2009: l-Ewwel Ħamsin Sena minn mindu ġie mżejjen il-Kor tal-Knisja Parrokjali Matriċi ta' Ħal Kirkop: Kappillan Dun Pawlu Pace', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu* – Festa San Leonardu 2009, Malta, 2009

**Siti tal-internet**

http://www.pancheri.net/italiano/italiano.html